Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:1523/00

Fapi Motors Limited

Vs

Godwin Guntrip

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici, bhala successur legali tas-socjeta' Force Forklifters Company Limited, skond ma jidher mir-rizoluzzjoni relattiva li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok.FM1, u l-pubblikazzjoni ancillari li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok FM2, talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u seba' Liri Maltin (Lm407.00), ammont rapprezentanti import ta' disa' (9) kambjali, regolarment skaduti u dovuti, li baqghu ma thallasux minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 2000, tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 2881/00 u interessi legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali msemmija sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tikkundanna ghalhekk lill-konvenut sabiex ihallas is-somma mitluba ta' erba' mija u seba' liri (Lm407.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, prevja din l-esekuzzjoni ghandha ssir meta jigu esebiti fil-process il-kambjalijiet originali.

Bl-imghax legali b'effett mill-21 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg